MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## FRANCO DEPASQUALE

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1906/1997/1

**Formosa & Camilleri Ltd bhala agenti Malta tas-socjeta` Guardian Royal Exchange Assurance plc *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Outline Ltd**

**Vs**

**John Ripard & Sons Ltd agenti Malta ta' Trans Tainer Lines armaturi tal-vapur Norasia Shanghai u l-istess John Ripard & Son Ltd bhala operaturi ta' bonded store Hal Far**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-27 ta' Awissu 1997 fejn gie premess:-

Illi fit-30 ta’ Awissu 1996 is-socjeta` Outline Ltd importat gewwa Malta fuq il-bastiment Norasia Shanghai konsenja ta’ textiles;

Illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat ta’ l-attur bin-nuqqasijiet spjegati fid-Dok A;

Illi ai termini tal-polza ta’ l-assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu, hu kellu jindenizza lill-assikurat tieghu tad-danni li sofra u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-istess assikurat;

Illi l-attur jikkwantifika n-nuqqasijiet fil-merkanzija *de quo* fl-ammont ta’ Lm4544.70 li maghhom jizdied l-ammont ta’ Lm56 bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm4600.70;

Illi l-konvenut f’wahda jew l-ohra tal-kwalitajiet indikati hu responsabbli ghal dawn id-danni;

Talab ghalhekk din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenut f’wahda jew l-ohra tal-kwalitajiet indikati responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija ta’ l-assikurat ta’ l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm4600.70;

3. Tikkundanna lill-konvenut f’wahda jew l-ohra tal-kwalitajiet indikati ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm4600.70 in linea ta’ danni;

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ Dr. Simon Micallef Stafrace fil-kwalita ta’ rapprezentant tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-20 ta' Mejju 1998 ta' John Ripard & Son Ltd bhala agenti Malta ta' Trans Tainer Lines armaturi tal-vapur Norasia Shangai fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici billi s-socjeta` konvenuta kkonsenjat l-merkanzija fl-istat u fin-numru li hi rceviet l-istess;

2. Illi s-socjeta` konvenuta rceviet trailer bis-seals intatti u kkonsenjat l-istess trailer fl-istess kundizzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-fuq espost ir-responsabbilta` tas-socjeta` attrici hija limitata skond il-bill of lading;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Paul Kerr u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-20 ta' Mejju 1998 ta' John Ripard & Son Ltd bhala operatur ta' bonded store f'Ricasoli fejn gie eccepit:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici billi s-socjeta` konvenuta kkonsenjat il-merkanzija fl-istat u fin-numru li hi rceviet l-istess;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' John Kerr u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ezaminat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Mark Chetcuti nominat fis-17 ta' Novembru 1998 sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici;

Rat is-sottomissjonijiet ta' John Ripard & Son Ltd agenti Malta ta' Trans Tainer Lines armaturi tal-vapur Norasia Shanghai;

Ikkunsidrat:

Illi s-socjeta` Outline Ltd xtrat konsenja ta' textiles, konsistenti f'6221 bicca, u 136 kaxxa, minghand is-socjeta` Next Retail Ltd, ta' l-Ingilterra, kif jidher mill-fattura datata 29 ta' Awissu 1996, (esebita a fol. 7). Is-socjeta' Outline Ltd inkarigat lis-socjeta` John Ripard and Son Ltd biex tittrasportalha l-merkanzija f'Malta, u ghal dan il-ghan l-istess John Ripard and Son Ltd inkariga d-ditta trasportatrici Trans Tainer Lines bhala armaturi tal-vapur Norasia Shanghai. Id-ditta Delamond International kienet ix-shipper;

Illi meta din il-konsenja waslet Malta, instab li kien hemm xi nuqqasijiet. Din konsenja kienet assigurata mas-socjeta` attrici u ghalhekk ghal dawn in-nuqqasijiet kellha taghmel tajjeb l-istess socjeta`. Il-partijiet qablu b'verbal quddiem il-perit legali illi m'hemmx kwistjoni dwar in-nuqqasijiet riskontrati u l-hlas li sar mid-ditta attrici;

Provi:

Illi skond il-polza ta' karigu esebita a fol. 8 tal-process, il-merkanzija tghabbiet fuq il-vapur gewwa container bis-sigill numru 001720. Tnizzlet ir-rimarka li dan il-container kellu fih *"136 cartons + 1 pallet said to contain textiles."* Fil-parti t'isfel tal-polza ta' karigu hemm indikat hekk: *"RECEIVED by the Multimodal Transport Operator the goods as specified above in apparent good order and condition unless otherwise stated … The particulars given above as stated by the shipper and the weight, measure,*

*quantity condition, contents and value of the Goods are unknown to the Multimodal Transport Operator.”* Jidher mill-istess polza ta’ karigu li l-merkanzija tghabbiet fl-1 ta’ Settembru 1996 u waslet Malta bejn it-8 u l-10 ta’ Settembru, peress li kif osserva l-perit legali, ma jirrizultax car mid-dokumenti;

Illi skond id-dokumenti tad-Dwana jidher li l-merkanzija giet rilaxxjata fit-12 ta’ Settembru 1996. Carmel Micallef, ir-releasing officer, xehed li huwa ra l-konsenja fil-bonded stores ta’ John Ripard and Son. “*Jiena irrilaxxjajt 121 boxes minn 137 li kienu jidhru fuq ir-release order.”*

Illi Joe Theuma, warehouse manager tas-socjeta` konvenuta bhala operaturi tal-bonded store, xehed li fil-11 ta’ Settembru 1996 huwa kien prezenti meta l-burdnar Emanuel Vella and Sons gab container issiglilat. *“Dahhalna l-container fil-warehouse taghna u infetah fil-presenza ta’ Paul Zerafa, customs officer ... Il-problema kienet fuq il-konsenja ta’ 137 packages textiles destinati lil Outline Ltd. Sibna 120 packages biss u 1 pallet.”* Huwa ikkonferma li l-container gie iccekkjat u pprezuma li kien issigillat b’mod intatt ghax kieku kienet titnizzel fid-dokument tar-rilaxx;

Illi Stephen Amaira, commercial manager mad-ditta John Ripard qal li d-ditta konvenuta hi l-agent ta’ Trans Tainer Systems. Huwa irrefera ghall-exclusion clause fil-polza ta’ karigu fejn l-ispeditur ikkonferma t-taghbija. Kontro-ezaminat qal *“Hadd ma qalilna li l-affarijiet ma tghabbewx kif indikat fil-bill of lading”;*

Kunsiderazzjonijiet:

Is-socjeta` konvenuta bhala operatur tal-bonded stores:

Illi s-socjeta` konvenuta bhala operatur tal-bonded stores kienet id-depozitarja tal-merkanzija. Jirrizulta mill-provi illi s-sigill tal-container inkiser fl-warehouse quddiem il-customs officer u kien f’dak il-hin li n-nuqqas gie riskontrat. Ghalhekk is-socjeta` konvenuta bhala operatur

tal-bonded stores hix risponsabbli ghan-nuqqasijiet. Kif irrileva l-perit legali, is-socjeta` konvenuta bhala operatur tal-bonded stores ippruvat l-eccezzjoni taghha li hija irceviet fil-pussess taghha dak li effettivament instab fil-container. Isegwi ghalhekk li t-talba tas-socjeta` attrici fil-konfront taghha ma tistax tirnexxi;

Is-socjeta` konvenuta bhala agent ta' L-armaturi tal-vapuri:-

Illi s-socjeta` Trans Tainer Lines, armaturi tal-vapur u rapprezentata Malta mis-socjeta` konvenuta hadet il-konsenja tal-merkanzija kif dikjarata fil-polza. Meta infetah il-container instab in-nuqqas. Is-socjeta` konvenuta qed targumenta li nonostante dak dikjarat fil-polza ta' karigu, il-container kien issigillat u rreferiet ukoll ghall-klawsola ta' esoneru li tghid li l-kundizzjoni u l-kwantita mhumiex maghrufa. Il-perit legali min-naha tieghu ikkonkluda li l-polza ta' karigu stabbliliet *prima facie* prova li l-merkanzija indikata ttellghet fuq il-vapur kif indikata u sostna li l-i*small print* fil-klawsola ta' esoneru mhux bizzejjed biex twaqqa' l-presunzjoni tal-ligi. Zied jghid li ma ngiebet ebda prova li turi li dak li gara ma kienx nuqqas tas-socjeta` konvenuta u qal li jispetta lis-socjeta` konvenuta biex tipprova li n-nuqqas kien jezisti fil-mument tal-karika, u fin-nuqqas li taghmel dan ghandha tinstab responsabbli. Huwa irrefera ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tas-7 ta' Mejju 1953 (Albert Mizzi noe vs Ronald J Pace) fejn qalet li meta fil-polza ta' karigu jinghad li l-merkanzija tghabbiet f'kundizzjoni tajba din hija ammissjoni da parti tal-vettur li huwa rcieva l-merkanzija fi stat tajjeb, u jekk jinstabu xi danni, tinkombi fuqu l-prova li kienet gja f'dak l-istat meta giet karikata. Dwar il-klawsola ta' esoneru, din is-sentenza qalet li kull klawsola diretta biex tesonera l-armatur mill-htijiet hi nulla u li huwa principju tad-dritt merkantili li l-klawsola ta' esoneru ma tezimix mir-responsabilta` meta jkun hemm breach of contract or duty;

Illi l-Qorti ma taqblix mal-konkuzjoni tal-perit tenut kont tal-fatt li l-merkanzija tghabbiet f'container issigillat, liema

sigill ma jirrizultax li gie imbaghbas. Il-polza ta’ karigu tghid biss x’qal ix-shipper u cioe` li l-container kellu fih 137 packages. Ghalhekk tnizzel “said to be: 136 ctns + 1 pallet said to contain textiles”. It-Trans Tainer ma kinitx f’posizzjoni li tnizzel xi rimarki dwar nuqqasijiet fil-merkanzija ladarba din l-istess merkanzija ma kinitx visibbli, izda maghluqa go container issigillat. Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta bhala agenti Malta ta’ Trans Tainer Lines, armaturi tal-vapur in kwistjoni, fejn sostniet li l-fatt li l-container gie sigillat, u li s-sigilli kienu intatti meta l-container gie kkonsenjat, jaghti oneru lis-socjeta` attrici biex turi li fil-fatt giet kkonsenjata dik il-merkanzija kif indikata fil-polza;

Illi ghandu jinghad li s-sentenza ta’ l-1953 citata mill-perit legali u li fuqha strah l-istess perit legali, m’ghandha x’taqsam xejn mal-kaz in kwistjoni. Mir-ricerka li ghamlet din il-Qorti rrizultalha li l-merkanzija f’dak il-kaz kienet konsistenti f’kwantita` ta’ *Galvanised Plain Iron Sheets,* li kienu tghabbew fuq l-istess vapur fejn kienu tghabbew partita bhejjem hajjin, u kien irrizulta mill-perizja li d-dannu misjub fuq l-Iron Sheets kien konsistenti fi tbajja kagunati mill-eskrementi tal-bhejjem. Kien f’dan il-kuntest li l-Qorti tal-Kummerc kienet irriteniet li klawsola ta’ esoneru ma tesimix mir-responsabbilta` meta jkun hemm breach of duty or contract, u l-vettur kien instab responsabbli ghall-hsara indikata, meta ikkarika il-bhejjem u l-merkanzija flimkien. Fil-kaz odjern ma irrizultat ebda negligenza simili;

Illi dwar il-punt rigward ir-rimarki fuq il-polza ta’ karigu, ghadu jigi rilevat li s-sentenza citata mill-perit legali ma kinitx tikkoncerna container issigillat bhal fil-kaz in dizamina, u ghalhekk dak li kienet irriteniet il-Qorti tal-Kummerc, u cioe` li dak li jitnizzel l-polza ta’ karigu huwa ammissjoni da parti tal-vettur li huwa ircieva l-merkanzija fi stat tajjeb, mhix rilevanti ghall-kaz odjern. Kif diga` spjegat din il-Qorti, it-Trans Tainer nizzlu biss dak li qalilhom ix-shipper, u ladarba il-merkanzija ma kinitx vizibbli, is-*small print* li tenfasizza dan il-fatt ghandha tinghata kull kunsiderazzjoni;

Illi ghalhekk l-oneru tal-prova tmiss lis-socjeta` attrici biex tipprova li l-merkanzija tghabbiet kif indikat fl-polza ta' karigu u li s-socjeta` konvenuta bhala armaturi tal-vapur kienet responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwistjoni. Dan hija ma rnexxlihiex tippruvah.

Ghal dawn il-motivi;

Din il-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------